# Teqirdux ir-Riserva Naturali tas-Simar!

## BirdLife Malta determinata li tmur il-Qorti, wara l-approvazzjoni ta' żvilupp massiv mill-ERA u l-PA li qed jhedded is-sit Natura 2000 tas-Simar

Il-futur tar-Riserva Naturali tas-Simar immexxija minn BirdLife Malta fix-Xemxija jinsab mhedded tort tal-policies ħżiena tal-ippjanar li qed ibiddlu żona ta' residenzi tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mis-Simar fi blokk massiv ta' appartamenti b'għoli ta' 7-8 sulari. F'Mejju żewġ applikazzjonijiet għal permessi kienu approvati wara li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) ma ħassitx il-ħtieġa li toġġezzjona, u dan għamilha faċli biex l-Awtorità tal-Ippjanar (PA) tagħti l-barka tagħha waqt il-laqgħat tal-bord tal-ippjanar.

F'konferenza tal-aħbarijiet quddiem wieħed mis-siti li ngħata l-permess – li jinsab 20m biss 'il bogħod mid-daħla tar-riserva – uffiċjali ta' BirdLife Malta llum ħabbru li se jkunu qed jappellaw mid-deċiżjonijiet tal-PA li tippermetti dawn l-iżviluppi esaġerati li se jkollhom impatt fuq l-istatus ekoloġiku tar-riserva, u se jnaqqsu l-valur edukattiv li jiġi pprovdut lil eluf ta' viżitaturi kull sena. BirdLife Malta hija determinata li tieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex twaqqaf dan l-iżvilupp, inkluż li tieħu l-każ quddiem il-Qrati.

Ir-Riserva Naturali tas-Simar kienet twaqqfet legalment bħala riserva naturali fl-1991, wara li pjani biex isir park tad-divertiment kienu nbidlu ħalli minflok, f'dan il-post fejn il-Wied tal-Pwales jiltaqa' mal-Bajja tax-Xemxija, jingħata aktar spazju lin-natura. F'dawn l-inħawi, b'mod naturali, kienu jiffurmaw bwar salmastri. Matul is-snin ir-riserva kompliet tingħata aktar livelli ta' protezzjoni li kienu jinkludu t-titlu ta' Sit ta' Importanza Ekoloġika, Art Mistagħdra ta' Importanza Internazzjonali taħt il-Konvenzjoni Ramsar, u sit Natura 2000 taħt id-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitati tal-2004. Din hija waħda minn ħames żoni ta' bwar li nsibu f'Malta li kienu rrestawrati għall-istat oriġinali tagħhom riżultat ta' interventi minn BirdLife Malta matul is-snin.

Din l-andament pożittiv sa mill-1991, inkluż bis-saħħa tal-Pjan Lokali tal-Majjistral li jgħid li r-riserva naturali għandha titkabbar, beda jonqos wara l-pjani ta' razzjonalizzazzjoni tal-2006 li ppermettew li l-għoli tal-bini f'dawn l-inħawi jiżdied għal erba' sulari. Fl-2015, policy oħra ppermettiet li din il-limitazzjoni ta' erba' sulari għoli tittraduċi ruħha f'għoli aġġustat, li b'hekk ippermetta li jiddaħħlu aktar sulari fil-livell stabbilit il-ġdid tal-għoli tal-bini.

Meta kienu qed jiddeċiedu fuq l-applikazzjoni għal dan l-iżvilupp, uffiċjali tal-Awtorità tal-Ippjanar baqgħu wkoll sorpriżi li l-kontribut tal-ERA kien wieħed orjentat biss lejn il-preokkupazzjonijiet marbutin mat-tniġġis tad-dawl mill-iżvilupp propost, u bbażaw id-deċiżjoni tagħhom li joħorġu l-permess fuq il-ġudizzju tal-awtorità tal-ambjent fir-rigward ta' din l-applikazzjoni.

F'kummenti dwar il-proċess li bih ittieħdet id-deċiżjoni dakinhar, il-Kap tal-Konservazzjoni ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara qal: "Huwa diżappuntanti li tara lill-awtorità responsabbli mill-ambjent tibqa' sempliċiment spettatur għal dan l-istupru tal-patrimonju naturali tagħna. F'dan il-każ lanqas biss ġew imposti l-kundizzjonijiet bażiċi tal-permess biex ir-riserva tiġi mħarsa mill-impatti tal-iżvilupp. Hekk kif residenza wara residenza jagħmlu spazju għal blokka kbira ta' konkrit, ma tridx wisq immaġinazzjoni biex tifhem kif dan kollu se jkollu impatt fuq l-integrità tar-riserva mil-lat ta' trab, storbju u anke viżwalment."

[Ir-Riserva Naturali tas-Simar] hija l-uniku sit f'Malta fejn ibejtu jew kienu jbejtu speċi bħar-Russett tas-Siġar, it-Tiġieġa tal-Baħar u l-Blonġun Żgħir. Ir-riserva sservi bħala post importanti fejn jieqfu għall-mistrieħ qtajja' kbar ta' rsieset tul il-passa. "Dan kollu se jiġi mhedded b'gallariji ogħla mis-siġar li dawn l-irsieset ifittxu l-kenn fihom, u mases ta' nies imdeffsin f'żona waħda li se jġibu magħhom storbju, dwal u traffiku, biex insemmu biss ftit mill-impatti," ikkummenta l-Head of Land Management ta' BirdLife Malta Mark Gauci.

"Aktar minn 4,000 tifel u tifla tal-iskola jżuru s-Simar kull sena, waqt li 3,000 persuna oħra jżuru l-post matul il-ġimgħa jew fil-weekends, kollha biex jippruvaw isibu ftit serħan mill-ferneżija tal-kostruzzjoni u jgawdu l-kampanja tagħna. L-esperjenza li dawn jingħataw u l-opportunitajiet ta' tagħlim se jintlaqtu b'mod negattiv bi żvilupp daqshekk viċin tar-riserva. L-atmosfera ta' paċi li toffri r-riserva naturali se tinbidel fi trab, storbju kontinwu mill-makkinarju u aktar konkrit," kompla jgħid.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana kkonkluda: "Dan huwa sintomu tal-problema li għandu l-pajjiż u riflessjoni eżatta tat-tliet talbiet li

għamlet il-Protesta Nazzjonali XEBBAJTUNA! tas-27 ta' Mejju fil-Belt Valletta. Għandna awtoritajiet pubbliċi li mhux qed jaħdmu għall-ġid komuni għax mhux qed jiffunzjonaw f'awtonomija sħiħa min-negozji u l-politiċi. Għandna policies li ddaħħlu fis-seħħ b'mod żbaljat u qed jeqirdu l-ispazji miftuħa u ż-żoni naturali tagħna. Fuq kollox, għandna mudell ekonomiku li ma jagħti l-ebda valur lill-kapital naturali tagħna u lill-benesseri taċ-ċittadini tagħna".

Dawn it-talbiet u l-konferenza tal-aħbarijiet tal-lum għandhom l-appoġġ tal-ENGOs Friends of the Earth Malta, Flimkien għal Ambjent Aħjar, l-Assoċjazzjoni Maltija tar-Ramblers, Din l-Art Ħelwa, Nature Trust-FEE Malta, Għawdix u l-Moviment Graffitti, flimkien mal-eluf ta' nies li attendew il-protesta XEBBAJTUNA! biex jesprimu r-rabja tagħhom. L-ENGOs se jkunu qed jiltaqgħu mal-Prim Ministru fit-23 ta' Ġunju. Sadanittant, BirdLife Malta se tkun qed tikkontesta dawn il-permessi għall-iżvilupp quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (EPRT) u anke fil-Qorti.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Mehmużin:**
1. (JPG) Photomontage ta' dak li qed tirriskja r-Riserva Naturali tas-Simar jekk il-policies tal-ippjanar li jippermettu li residenzi għoljin żewġ sulari jinbidlu f'appartamenti għoljin 7-8 sulari jingħataw l-approvazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar
2. (PDF) Timeline tal-istorja tas-Simar f'dak li għandu x'jaqsam mal-konservazzjoni tan-natura u l-iżvilupp matul is-snin

**Niżżel ir-ritratti minn hawn (1):**
- Għażla ta' ritratti mill-konferenza tal-aħbarijiet tal-lum (Ritratti ta' Murat Gelir)

**Niżżel ir-ritratti minn hawn (2):**
- Għażla ta' ritratti li juru l-aspetti kollha tar-Riserva Naturali tas-Simar (Deskrizzjonijiet u credits fil-filenames tar-ritratti)

**Niżżel il-filmati minn hawn:**
1. Ir-Riserva Naturali tas-Simar immexxija minn BirdLife Malta
2. Field visits mill-iskejjel fir-riservi naturali ta' BirdLife Malta
3. Attività għall-familji fis-Simar

4. Gallozz Iswed jitma’ ferħ li għadu kif faqqas fis-Simar
5. Bird ringing fis-Simar
6. Iċ-Ċentru ta’ Riċerka fis-Simar